

Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport



AĠENZIA
ŻVEDIŻA TAT-
TRASPORT

TSFS 2023:47

Regolamenti li jemendaw ir-regolamenti u l-pariri ġenerali tal- Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2021:11) dwar muturi li tqiegħdu fis-servizz u t-trejlers tagħhom;

Ippubblikat
fi

11 ta' Settembru 2023

TRAFFIKU FIT-TOROQ

deċiżi fit-30 ta' Awwissu 2023.

Skont il-Kapitolu 8, l-Artikolu 16 tal-Ordinanza dwar il-Vetturi (2009:211), l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport, fir-rigward tar-regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija (TSFS 2021:11) dwar il-muturi li jkunu tqiegħdu fis-servizz u t-trejlers tagħhom tistabbilixxi¹:

li għandu jiddaħħal artikolu ġdid fil-Kapitolu 5, Artikolu 17, bil-formulazzjoni li ġejja, u

li, eżatt qabel il-Kapitolu 5, Artikolu 16, għandha tiddaħħal intestatura ġdida li għandha tinqara "Vetturi ta' emerġenza".

Kapitolu 5

Artikolu 17 Il-vetturi ta' emerġenza tal-pulizija jistgħu jkunu mġammra b'fanali li jarmu dawl solidu, baxx u blu. L-intensità għandha tkun tant baxxa li d-dawl ma jkunx jista' jiġi konfuż mad-dawl blu mill-apparat tal-allarm tal-vettura. Id-dawl ma għandux ikun jgħammex jew jista' jitbaxxa.

Dan l-istatut għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2023.

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Elena Belkow
(Toroq u Ferroviji)